15 ta' Diċembru 1965

Imħallef:

Onor. Dr. Victor R. Sammut, B.A., LL.D.

**Francis Orech**

*versus*

**Francis Theuma**

**Sekwestru — Paga — Art. 382 (1) (d) u 855 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru kawtelatorji fuq ħlas jew salarji ta' lavranti, ħaddiema u sefturi.*

*L-impieg ta' messaġġier ma jirrikjedix l-eżerċizzju ta' attività jew kultura intellettwali u allura l-paga tiegħu ma tistax tiġi sekwestrata.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa — premess illi fl-20 ta' Novembru, 1965, il-konvenut ottjena minn din il-Qorti l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-attur f'idejn John B.C. Henderson, Manager tal-Kumpanija "Cable and Wireless Ltd" bħala sekwestratarju għall-ħlas ta' mija tmienja u erbgħin lira u nofs (£148.10.0) bilanċ ta' self u prezz ta' Radio (Mandat Numru 560/65) (Dok B), u illi l-attur jaħdem bħala messaġġier ma' l-imsemmija kumpannija Cable and Wireless Ltd bil-paga ta' ċirka £33.16.8 fix-xahar u billi in segwitu għall-imsemmi mandat ta' Sekwestru l-imsemmi Henderson ma ħallasx il-paga tiegħu, u illi l-imsemmija paga m'hix sekwestrabbli skond l-artikoli 382 (i) (d) u 852 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmija paga tal-attur mhiex sekwestrabbli skond il-liġi u li għalhekk il-mandat tas-sekwestru fuq imsemmi ma jolqotx l-imsemmija paga, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

OMISSIS:

Mix-xhieda ta' William Cutugno, rappreżentant tad-ditta Cable and Wireless Limited, fejn hu mpjegat l-attur, jirriżulta illi dan huwa mpjegat bħala messaġġier.

Il-"Letter of engagement" tiegħu, bid-data 6 ta' Awissu 1955 tgħid: "You are engaged as a motor-cycle messenger with and Wireless Limited from the 8th August 1956" u ma tispeċifikax aktar dettaljatament ix-xogħol tiegħu.

Skond ix-xhud ġia msemmi x-xogħol tal-attur jikkonsisti prinċipalment f'illi jikkonsenja t-telegrammi fl-indirizzi ta' min għandu jirċevihom. Ġieli wkoll imur il-bank jieħu jew iġib xi flus u ġieli jiġi mibgħut b'xi rċevuti biex iġib lid-ditta flus, f'ammonti żgħar, ta' xi telegrammi li l-konvenut tagħhom ikun ġie telefonat lid-ditta. Għal dan l-aħħar xogħol id-ditta ma timpjegax nies bħala kollettturi biss. Meta jiġi nkarigat ipoġġi jew jirtira mill-bank xi flus, dawn ikunu ammonti żgħar, għaliex għall-ammonti kbar jiġi nkarigat skrivan. Huwa jilbes uniformi ta' messaġġier, u meta jiġi mibgħut għand xi klijenti tad-ditta biex idaħħal xi flus ta' telegrammi tiġi mogħtija lilu rċevuta lesta. L-attur ma jżommx kontijiet, imma meta jirċievi, xi pagament jirritorna bil-flus u bil-"flap" li jkun hemm fuq l-envelope li jieħu miegħu biex jidher iċ-"charge" kemm hu. Meta l-attur jikkonsenja xi telegramm, fuq l-"envelope flap" iniżżel ismu u l-ħin tal-konsenja u jieħu l-"flap" lura lid-ditta.

Ikkunsidrat:

Skond l-Art. 882 (1) (d) kombinat ma' l-Art. 582 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru kawtelatorji fuq ħlas jew salarji ta' lavranti, ħaddiema u sefturi.

Din id-dispożizzjoni, ġia l-Art. 410 tal-Liġi anterjuri, ġiet

dejjem interpretata mill-Qrati tagħna bħala li tapplika għax-xogħol manwali, jiġifieri għal xogħol li ma jirrikjedix l-eżerċizzju ta' attività jew kultura intellettwali (Ara P.A. 26.3.1935; Group Captain Saurey noe et Giaconda Cutajar vs Mariani, Kollez. Vol. XXIX, ii, 405 u sentenzi hemm ċitati).

F'waħda minn dawk is-sentenza; Garrone vs Mariani deċiża P.A. 20.10.1900 u riportata fil-kollezzjoni, Vol. XVII, ii, 222, jingħad: "intese nel loro senso naturale e proprio le espressioni 'lavoranti' ed 'operai' convengono a colui che impiega la sua attività in opere materiali e manuali, e non a chi esercita una professione od a una occupazione che richiede un grado d'istruzione o coltura intellettuale". F'dik il-kawża ġie ritenut illi skrivan, għalkemm xogħlu jkun jikkonsisti fit-traskrizzjoni jew fir-reġistrazzjoni ta' skritturi magħmulin minn ħaddieħor, ma jidħolx fil-kategorija ta' ħaddiem manwali.

L-Onor. Qorti ta' l-Appell, fil-kawża Eugenia Buhagiar vs Cesare De Lancellatti et. deċiża fis-6 ta' Diċembru 1912, rriteniet illi l-konvenut Dimech kien jidħol fil-kategorija ta' ħaddiem manwali. Dan kien impjegat f'xogħol li kien jimporta, fost affarijiet oħra, l-għoti lill-klijenti ta' l-oġġetti esposti għall-bejgħ fl-istabiliment tal-prinċipal tiegħu, u l-konsenja ta' ittra lill-klijenti tal-istabbiliment, u, fl-assenza tal-prinċipal tiegħu u tal-membri tal-familja ta' dan, anki r-riċeżżjoni ta' ordnijiet ta' klijenti u l-annotazzjoni tal-inkassi ta' flus li kien jagħmel fl-assenza tagħhom.

Ikkunsidrat:

L-impieg li għandu l-attur bħala messaġġier, bil-funzjonijiet ġià indikati, ma jirrikjedix, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-eżerċizzju ta' attività jew kultura intellettwali, u jaqa' taħt il-kategorija ta' xogħol tal-persuni kontemplati fl-inċiż (d) ta'

l-Art. 382 (1) Proċ. Ċiv.

Għalhekk is-salarju tiegħu ma huwiex sekwestrabbili.

Għaldaqstant:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur billi tiddikjara li l-paga tiegħu msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni m'hix sekwestrabbili skond il-liġi u li l-mandat tas-sekwestru msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni ma jolqotx l-imsemmija paga tiegħu. Minħabba ċ-ċirkostanzi tal-kawża, l-ispejjeż jitħallsu kwantu għad-dritt ta' reġistru mill-attur u kwantu għall-ispejjeż l-oħra mingħajr taxxa.